MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2008

Numru 1036/2006

**Il-Pulizija**
**Supretendent Sharon Tanti**
**V**

**HAFIFA MIMY**

## Il-Qorti;

Rat li l-imputata **HAFIFA MIMY** ta’ disgha w ghoxrin sena, bint Ahmed u Dawja nee Chilef, imwielda l-Marokk, nhar l-hamsa t’Awissu 1976 u resident Taflija Flats, Flat 2, Triq il-Hagra l-Wieqfa, Xemxija, detentrici tal-karta tal-identita numru 34018A, giet imressqa quddiemha akkuzata talli fl-ewwel ta’ Frar 2006 fl-Ufficju Elettorali fil-Belt Valletta ghamlet dikjarazzjoni falza jew tat xi taghrif falz jew ipproduciet xi dokument falz ghal xi wiehed mill-ghanjiet tal-Att dwar il-Karta tal-Identita, meta kienet taf li dan hu falz.

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, sabiex tikseb xi vantagg jesw beneficcju ghaliha jew ghal haddiehor, f’xi

dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tlieta ta’ Dicembru 2007 esebit fl atti sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' Gudikatura Kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sarilha nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Jannar 2008 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputata tixhed minn jeddha b'mod voluntarju w il-provi tad-difiza.

Rat il-verbal tal-Qorti tat-tlieta w ghoxrin ta’ Jannar 2008 fejn il-partijiet iddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruhhom ghal atti u li ghamlu referenza ghax-xhieda kollha qabel ma gie ppresentat l-kunsens tal-Avukat Generali, izda nonostante dan, ddikjaraw li kienu qed jezentaw lil Qorti mill-htiega li terga tisma tali xhieda.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tnejn w ghoxrin ta’ Novembru 2007.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tmintax ta’ Ottubru 2006 **xehdet s-Supretendent Sharon Tanti** [fol 15] fejn spjegat li ghall-bidu tas-sena 2006, ic-Chief Electoral Commissioner ghadda lill-Kummissarju tal-Pulizija, dokument li kien applikazzjoni ghal karta tal-identita f’isem Hafida Mimy, fejn f’dan id-dokument kien hemm miktub li Hafida Mimy kienet qed tiddikjara li hi mizzewwga u li ghalhekk kienet qed tghix fi stat ta’ bigamija minhabba li skond ir-*records* taghhom kien diga jirrizulta li dak r-ragel Malti li kien qed imantniha, huwa mizzewweg mara Maltija. Qalet li dan rrizulta mill-kopja ta’ l-applikazzjoni li baghtulhom fejn kien

jidher car li meta applikat ghal karta tal-identita, Hafida Mimy ddikjarat li zewgha huwa Carmel Dimech li joqghod ‘Cachia Flats’, Flat 2 Triq il-Hagra l-Wieqfa Xemxija, detentur tal-karta tal-identita numru 590856M.

Qalet li fl-erbgha w ghoxrin ta’ April 2006 hi baghtet ghal Carmel Dimech biex tkellmu u hu kien spjegalha li kien ghadu qed jistenna l-annullament civili minn mal-mara Maltija tieghu w ikkonferma li fl-2001 kien iltaqa ma mara Marokkina, jisimha Hafida u fl-istess sena, marret tghix mieghu hawn Malta. Qalilha wkoll li kien ilhom jghixu flimkien minn dak iz-zmien u li anke ghandhom tifla bejniethom li ghandha nazzjonalita Maltija. Ix-xhud kompliet tghid li Carmel Dimech qalilha li hu mhux mizzewweg lil Hafida Mimy, qatt ma ntrabat b’xi kuntratt taz-zwieg maghha u li fit-tmienja w ghoxrin ta’ April 2006 kien qed jistenna li tohroglu s-sentenza ta’ l-annullament civili.

Ix-xhud qalet li meta staqsiet lil Carmel Dimech fuq l-applikazzjoni ta’ Hafida Mimy, hu qalilha li hu jiehu hsieb jimlielha l-karti. Ikkonferma maghha li l-isem u l-karta tal-identita li kien hemm fuq l-applikazzjoni, kienu tieghu imma ghalkemm kien hemm miktub li hu kien zewgha, hu qal li dak kien zball. Fil-fatt, ziedet tghid x-xhud, qalilha li meta kien mar japplika ghall-karta tal-identita tal-imputata l-ewwel darba, kienu rrifjutawlu minhabba li l-imputata ma kienx ilha Malta ghal tul ta’ zmien bizzejjed u tawh parir li jekk tkun tista tottjeni visa ta’ sitt xhur, jkunu jistghu johorgulha din l-karta tal-identita. Qalilha wkoll li kien wriehom dokument mill-Moskea ta’ Malta li fiha kien hemm weghda ta’ zwieg li jizzewwigha w imbaghad qalulu li dik mhix bizzejjed bhala dikjarazzjoni li huma mizzewgin. Kompliet tghid li meta mbaghad rega’ mar biex japplika, nizzlu li huma mizzewgin fuq l-applikazzjoni, meta fil-verita ma kienux.

Ix-xhud qalet li tkellmet ukoll mal-imputata Hafida Mimy, li gharfet bhala l-imputata presenti fl-awla, fejn hi kkonfermatilha li tghix ma Carmel Dimech u li huma ma humiex mizzewgin, ghalkemm ghandhom tifla bejniethom. Ix-xhud qalet li fil-fatt huma ghamlu anke *checks* ma l-

Interpol fil-Marokk fejn gie konfermat li l-imputata mhix mizzewga go pajjizhom, la ma Malti u lanqas ma Marokkin jew persuna ohra u l-imputata ma kienitx taf ezatt x'hemm miktub fuq l-applikazzjoni li ffirmat hi, jigifieri ma kienitx taf tghid ghaliex hemm miktub li hija mizzewga lil Carmel Dimech.

Ix-xhud spjegat li hi hadet parir rigward is-sitwazzjoni kif kienet w inghatat struzzjonijiet li, peress li kien hemm dikjarazzjoni falza fuq l-karta tal-identita, kellhom jinhargu l-akkuzi kif dedotti fl-akkuza li ghandha l-Qorti quddiemha w ghalhekk hi hadet stqarrijiet tal-imputata Hafida Mimy. Fil-fatt, kompliet tghid x-xhud, hi tkellmet darbtejn maghha. Darba fl-erbgha w ghoxrin ta' April u darb'ohra fis-sitta w ghoxrin ta' April 2006 u l-imputata ghazlet li twiegeb ghad-domandi kollha li ghamlulha u anke ghazlet li tiffirma din l-istess stqarrija. Spjegat li l-kontenut ta' l-istqarrijiet jikkoncerna izjed jekk l-imputata hiex mizzewga fil-fatt lil Carmel Dimech, ghax huma kellhom informazzjoni diskreta li xi hadd kien ra *video* ta' Carmel Dimech u Hafida Mimy fil-Marokk, waqt tieg Marokkin, pero meta kellmet kemm ma Hafida Mimy kif wkoll ma Carmel Dimech, huma, separatemant it-tnejn qablu li kienu attendew ghal zwieg fil-Marokk, pero ma kienx z-zwieg taghhom u huma kienu biss mistiedna ghal tieg Marokkin.

Ix-xhud esibiet zewg stqarrijiet fil-konfront tal-imputata Hafida Mimy datati erbgha w ghoxrin u sitta w ghoxrin ta' April 2006 li gew immarkati bhala Dok ST 1 u ST 2.

In kontr' ezami, x-xhud, mistoqsija minn fejn giet l-informazzjoni li kellha dwar Carmel Dimech, wiegbet li ma setghetx tghid minn fejn giet l-informazzjoni li kellha peress li kienet wahda kunfidenzjali. Ziedet tghid li meta ghamlu tfittxija fir-residenza ta' Carmel Dimech, il-*video* u xi ritratti li kienu qed ifittxu, li semmewlhom, m'instabux.

Illi nhar t-tmintax ta' Ottubru 2006 **xehdet Ivania Balzan** [fol 22] fejn spjegat li hi tahdem bhala *executive officer* fl-ufficju tal-karta tal-identita, l-Belt Valletta. Qalet li giet mitluba sabiex tesebixxi l-applikazzjoni originali li ghamlet

certu Hafida Mimy fl-ewwel ta' Frar 2006 sabiex din ottjeniet karta ta' l-identita li kellha dakinhar. Ix-xhud esibiet dan id-dokument bhala Dok CSH 4. Qalet li mill-ezami ta' din l-applikazzjoni jirrizulta li Hafida Mimy kienet qalet li kienet mizzewga lil certu Carmel Dimech, pero dik il-parti ntliet mill-pulizija li ra l-applikazzjoni, ghax il-pulizija jimla din il-parti ta' l-applikazzjoni ghal varji raguni, jew ghax l-applikant ikun halla din il-parti barra jew, per ezempju, jkollu diffikuta fil-kitba dak li jkun.
Mistoqsija jekk biex tinhareg karta tal-identita lil persuna barranija, il-fatt jekk tkunx mizzewga Malti jew le taghmilx differenza, ix-xhud wiegbet li huma jiccekkjaw il-permess ta' dak li jkun, jekk ikun barrani, qabel ma tinghata visa u <u>jekk persuna tkunx mizzewga jew le, ma taghmilx differenza biex jottjeni karta ta' l-identita</u>. Qalet li sabiex tohrog karta ta' l-identita Maltija bl-ittra 'A', cioe *Alien*, huwa necessarju li l-applikant ikun ilu hawn Malta ghal perjodu ta' mhux inqas minn sitt xhur u li jkollu *working permit* mahrug mill-Immigration Office. Qalet wkoll din il-karta ta' l-identita tintuza ghal kollox, salv biex tivvota.

Illi nhar t-tmintax ta' Ottubru 2006 **xehed Peter Borg** [fol 24] fejn spjega li hu jahdem fir-Registru Pubbliku bhala Ufficjal tar-Registru taz-Zwieg. Qal li gie mitlub sabiex jaghti nformazzjoni fuq Hafida Mimy u cioe biex jara jekk hemmx registrazzjoni ta' zwieg fuqha. Qal li minn ricerka li ghamel ma rrizulta li hemm l-ebda registrazzjoni f'dan is-sens.

Illi nhar t-tmintax ta' Ottubru 2006 **xehed Carmel Dimech** [fol 26] fejn spjega li lil imputata jafha, peress li jghix maghha, pero mhux mizzewweg mal-imputata. Qal li hu kien qed jistenna l-annullament miz-zwieg tieghu ma mara Maltija u li kien ilhom sebgha snin il-Qorti. Qal li fix-xahar t'April kienet baghtet ghalih il-pulizija. Qal li meta l-imputata tmur l-Immigration, hu jmur maghha u jaghmlilha kollox hu.

Illi nhar t-tnax ta' Ottubru 2007 **rega' xehed Carmel Dimech** [fol 49] fejn ikkonferma li hu kien ilu sebgha snin ma l-imputata u li kien mar il-Marokk. Qal li l-ewwel kien gab lill-imputata Malta ghal btala u beda jaghmlilha

*extensions* sakemm kellhom tifla bejniethom. Qal li t-tifla taghhom kienet ser taghlaq hames snin u hu ilu mal-imputata ghal dawk l-ahhar sebgha snin. Qal li wara li kellhom t-tifla ma kienitx daqstant iebsa biex jaghmlilha l-*extensions*. Zied jghid li t-tifla li kellhom bejniethom fil-fatt ghandha wkoll il-kunjom tieghu. Qal li ghall-ewwel, qabel ma kellhom t-tifla, l-visa kienet tinhareg kull tliet xhur, imbaghad xi darbtejn kull sitt xhur u imbaghad, wara li twieldet it-tifla, il-visa kull sitt xhur. Qal li pero din id-darba tawlulha ghal sena u peress li hu kien ghamel tajjeb, ghamel wkoll *life policy* u xi kundizzjonijiet ohra li kellu jiffirma ghalihom. Qal li kull meta l-imputata marret titratta l-applikazzjoni tal-visa, dejjem mar hu maghha, ghax hi fil-fatt ma tafx tikteb u jimla kollox hu. Qal li meta mar ghall-karta tal-identita, l-pulizija li kienet hemmhekk kienet qaltilha biex tmur taghmel karta tal-identita. Fil-fatt huma ma kellhomx intenzjoni li jaghmlu karta tal-identita qabel ma jiehu l-annullament miz-zwieg li hu kellu ma mara Maltija. Qal li mar biex japplika u peress li l-visa kienet ser tiskadi, qalulu li ma setghax japplika ghall-karta tal-identita. Qalulu li meta jkollu visa ghall sitt xhur shah, jerga jmur biex japplika u hu hekk ghamel.

Qal li dakinhar stess li tawh l-visa l-pulizija, mar fl-ufficju tal-karta tal-identita biex japplika ghal *extension*. Qal li l-pulizija staqsewh jekk kienx mizzewweg u qalilhom li kien mizzewweg u kien qed jistenna l-annullament. Staqsewh x'kienet qed taghmel l-imputata mieghu u hu qalilhom li kellhom karta bejniethom mill-Moskea u qalilhom li kieku ma kellhomx dik il-karta, ma setghux jghixu flimkien u dawn talbuh biex imur igibha. Qal li mar ix-Xemxija, gabar din il-karta u hadilhom u qalulu li ma kientx tajba ghal hawn Malta.

Meta gie muri formola a fol 11 tal-atti tal-process in kwistjoni, x-xhud qal li hu kien mela' l-parti ta' fuq ta' din il-formola u cioe il-*particulars* ta' l-imputata, filwaqt li l-parti l-ohra ta' din l-istess formola ma gietx mimlija minnu cioe dik mitkuba bil-blu.

Illi nhar s-sitta ta' Novembru 2006 **xehdet WPC153 Dorothy Attard** [fol 29] fejn wara li giet murija l-

applikazzjoni ghal karta tal-identita li tinsab inserita fl-atti mmarkat bhala Dok CSH 4, qalet li Mimy Hafida, l-imputata odjerna, kienet marret fl-ufficju taghhom, tal-karta tal-identita, fl-ewwel ta' Frar 2006. Ix-xhud ikkonfermat li dik l-formola giet mimlija minnha fejn kien hemm nieqes u cioe l-parti fejn hemm *status*, cittadinanza u n-numru tal-karta tal-identita tar-ragel. Qalet li dawn il-partikolaritajiet gew mimlija mill-imputaa w il-kumplament gie mimli minnha u li din kienet giet miktuba quddiemha. Fil-fatt, ziedet tghid ix-xhud, li hemm partijiet mill-kitba ma taqbilx <u>w ghalhekk ma setghetx tikkonferma li kienet hi li kitbet l-applikazzjoni</u>. Qalet li l-informazzjoni li kitbet hi fl-applikazzjoni tal-impuat, hija skond l-informazzjoni li tathom l-imputata stess.

Ix-xhud kompliet tghid li l-imputata kellha visa mahruga mill-Immigration u hi kellha ttella' l-*file* mill-Immigration u skond ricerka li ghamlet hi minn dan il-*file*, rrizultalha li f'Jannar 2006, fl-applikazzjoni quddiem l-Immigration, l-imputata kienet imnizzla bhala '*married*'. Qalet li f'applikazzjoni ohra l-imputata qeghda mnizzla bhala '*single*'. Qalet li hi kienet staqsiet lil imputata jekk kienetx mizzewga jew '*single'* u hija wegbitha li kienet '*married*'.

Mistoqsija mid-difiza jekk fil-fatt l-imputata kienitx marret darbtejn ghandha, x-xhud wiegbet li ma tiftakarx, ghalkemm dan setgha kien. Mistoqsija jekk tiftakarx li l-imputata qaltilha li hija kellha tifla u li kellha tigi miktuba fuq il-parti ta' wara ta' l-karta tal-identita, x-xhud wiegbet li ma tiftakarx li sar dan id-diskors. Fil-fatt, ziedet tghid x-xhud, it-tfal ma jitnizzlux fuq il-parti ta' wara tal-karta tal-identita. Qalet wkoll li l-imputata ma semmietilha xejn dwar kuntratti ta' Moskea. Qalet li fil-fatt kienet l-imputata stess li nizzlet in-numru tal-karta tal-identita tar-ragel wara li hija kienet qaltilha li kienet mizzewga u li kienet hi li talbitha dan in-numru. Ix-xhud kompliet tispjega li fil-fatt hi tkun f'posizzjoni li tara li l-indirizz tar-ragel huwa l-istess bhal dak tal-mara u l-karta tal-identita ma kienitx tohrog fuq l-imputata kieku din ma kellhiex visa.

Illi nhar l-erbgha ta' Settembru 2007 **xehdet l-Ispettur Edel Mary Camilleri** [fol 42] fejn ghamlet referenza ghall-

*file* li jirrigwarda Hafida Mima, imwielda nhar l-hamsa ta' ta' Awissu 1976, ta' nazzjonalita Marokkina. Qalet li fil-fatt hi kellha wkoll ritratt tal-imputata u setghet tikkonferma li r-ritratt li kellha f'dak il-*file*, kien jikkorrispondi ghal dak tal-imputata prezenti fl-awla.

Spjegat li l-kaz imur lura ghal Novembru 2001 meta l-imputata kienet giet Malta ghal btala. Qalet li fl-*extensions* li l-imputata ghamlet, hi kienet tiddikjara li kienet '*single*' u sussegwentement gie anness mal-*file* taghha. Ix-xhud ipprezentat dokument miktub minn Dottor Michael Sciriha fejn kien qed jaghti ndikazzjoni li l-imputata kienet bdiet relazzjoni ma certu Carmel Dimech u kienet qed toqghod 'White Pearl' Triq Santa Katerina, H'Attard. Qalet li din kienet ir-raguni li huma kkunsidraw meta taw l-estensjoni. Qalet li mat-trapass taz-zmien, l-imputata nqabdet tqila u gie moghti lilha certifikat tat-twelid tat-tarbija taghha fejn jidher li missier it-tarbija, huwa fil-fatt dan Carmel Dimech.

Qalet li sussegwentement ghaddiet il-*file* lis-superjuri taghha skond ic-cirkostanzi u cioe li l-imputata kellha relazzjoni ma Malti u kellha tarbija hawn Malta, biex tghix fit-tul hawn Malta. Qalet li l-*extensions* li l-imputata ghamlet kienu b'mod kronoligiku mill-bidu li hija bdiet tapplika u li fi stadju partikolari, hija nizzlet li kienet mizzewga. Ix-xhud spjegat li dak l-hin li kient qed tixhed, hi kienet qed taghmel referenza ghal applikazzjoni mdahhla ghandhom fit-tmintax ta' Frar 2002. Ix-xhud ziedet tghid li fl-*extension* ta' wara, l-imputata hallietha vojta u l-kelma '*single*' kienet kkancellata. Qalet wkoll li fid-drabi kollha l-imputata semmiet lil Carmel Dimech bhala garanti taghha. Qalet wkoll li jidher li f'applikazzjoni ohra f'*extension of stay* fis-sena 2004, l-imputata ma nizzlet xejn, la li hija mizzewga u lanqas li hija '*single'*. Ix-xhud ikkoreggiet ruhha fis-sens li f'*extension* ohra datata tnax ta' April 2004, tidher indikat bhala '*married'* u fl-*extensions of stay* sussegwenti, l-imputata dejjem kitbet li hija mizzewwga.

Mistoqsi in kontr' ezami tghid min effettivament mela dawn il-formoli li kienet qed tixhed minn fuqhom, x-xhud

wiegbet li setgha jaghti l-kaz li l-applikant jigi mghejun minn xi hadd iehor. Qalet li hi ma setghetx tghid min mela dawk il-formoli, ghax ma gewx ffirmati quddiemha.

Mistoqsi jekk il-kalligrafija fuq dawk il-formoli hiex kollha l-istess, x-xhud wiegbet li jidher *prima facie* li mhux kollha l-istess. Qalet li mal-applikazzjoni hemm mwahhlin xi ittri li dejjem kienu jingabru mill-applikant. Qalet li dawn dejjem jikkonfermaw li Carmel Dimech kien ser ikun il-benefattur tal-imputata waqt li hi qeghda hawn Malta. Qalet li l-imputata qatt ma ghaddietilha applikazzjoni lilha. Qalet li fis-sena 2004 hi kienet baghtet ghall-imputata w ghal Carmel Dimech u huma kienu qalulha li huma *co-habitual*. Qalet li Carmel Dimech fil-fatt kellu *annulment proceedings* ghaddejin. Ix-xhud ikkonfermat li lilha personalment l-imputata qatt ma qaltilha li kienet mizzewga, pero hi aktar tkellimt ma Carmel Dimech peress li huwa jitkellem bil-Malti. Qalet li effettivament hi kienet kellimtu f'Mejju 2005 ghax wara kienet baghtet il-*file* lis-Supretendent. Qalet li l-fatt jekk kinitx mizzewga jew le, lilhom ma kienitx teffettwhom ghaliex huma li kkonsidraw kien, ir-*right* taghha li tibqa hawn Malta peress li t-tarbija taghha twieldet Malta u li ghandha missier Malti. Qalet li jekk l-imputata verament kienet mizzewga u kellha *freedom of movement*, l-*extension of stay* taghha kien jaqa' awtomatikament.

Illi nhar t-tnax ta' Ottubru 2007 **xehdet l-imputata minn jeddha b'mod voluntarju** [fol 46] fejn spjegat li skond ir-religjon taghha u cioe dik Musulmana, qabel ma tizzewweg, jaqbdu l-Koran u jaqrawh, u dik tfisser li jkunu zzewwgu quddiem Alla. Qalet li hi, ommha u nannitha lkoll zzewwgu biss b'din il-procedura, li jaqraw l-ewwel faccata tal-Koran u sussegwentement isiru l-proceduri civili. Spjegat li ghalihom, meta jaqraw il-Koran, cioe dik il-faccata, jfisser li jkunu zzewwgu quddiem Alla. Skond ir-religjon taghha, ziedet tghid l-imputata, hi ma tistax taqbad u tghix ma ragel w ghalhekk meta ltaqghet ma Carmel Dimech, li huwa Malti, kienu marru l-Moskea w ghamlu bicca karta, li ghalihom tfisser li huma mizzewgin skond ir-religjon taghha. Qalet li hi ilha hawn Malta iktar minn sitt snin u ilha ma Carmel Dimech ghal dan iz-zmien

kollu u ghandha tifla minghandu wkoll li ser taghlaq hames snin dak ix-xahar.

Qalet li hi toqghod hawn Malta permezz ta’ visa, li hija wahda qasira, kull sitt xhur u tliet xhur. Qalet li meta tmur tapplika ghall-estenzjoni tal-visa, tiehu l-passaport maghha biex jiccekkjaw li l-visa tkun skadiet u li kienet qed tapplika ghal wahda gdida u tiehu karta li Carmel Dimech ghadu qed jaghmlilha tajjeb. Qalet li lilha ma jistaqsuha xejn meta tmur biex tapplika ghall-estenzjoni tal-visa u kull ma jaghtuha, kienet data biex tkun tista tmur lura biex tigbor il-visa. Qalet li marret tapplika ghall-karta tal-identita gurnata qabel m’ghalqitilha l-visa, pero ma tawielhix u kienu baghtuha nies ta’ l-Immigration. Ziedet tghid li hi ma kienetx taf li hi ntitolata li jkollha l-karta tal-identita Maltija u fil-fatt damet sas-sena 2006 biex tapplika ghaliha. Meta marret hemmhekk, kompliet tghid x-xhud, applikat biex jkollha l-karta tal-identita Maltija u meta kienet f’dawk l-ufficini, mliet l-formola relattiva.

Meta giet murija l-formola nserita f’dawn l-atti a fol 11, x-xhud qalet li dik il-formola kienet giet mimlija minn Carmel Dimech u l-bqija mill-pulizija; hi m’imliet xejn fiha. Ikkonfermat li l-firma biss hija taghha. Qalet wkoll li l-pulizija staqsewha ma min kienet qeghda u hi qaltilhom li kienet qeghda ma Carmel Dimech, u dakinhar kien maghha wkoll. Qalet li staqsewha jekk kienetx mizzewga u hi qaltilhom li kienet mizzewga skond ir-religjon taghha. Qalet li giet mitluba certifikat li ghandha skond ir-religjon taghha u haduhulhom u qalulha li ma kienx tajjeb. Qalet li hi bil-fors kellha taghmel din il-karta peress li kellha tifla f’din id-dinja, u li kieku m'ghamlithiex, il-familja taghha kienet tiekolha. Qalet wkoll li hi xorta kienet qed tistenna li Carmel Dimech jiehu l-annullament minn Malta u sussegwentement tizzewweg lilu skond il-ligi Maltija. Huwa minnu, kompliet tghid x-xhud, dak li gie suggerit lilha mill-prosekuzzjoni, li sa dakinhar, zwieg civili bejna u bejn Carmel Dimech ma kienx hemm.

Ikkunsidrat:

Illil-imputata hija principalment akkuzata li ghamlet dikjarazzjoni falza u/jew ipproduciet dokument falz ghal xi raguni fl-Att dwar l-Karta tal-Identita (Kap 258) meta kienet taf li dan kien falz.

Issa mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputata kienet intitolata li jkollha karta tal-identita Maltija peress li kien ilha tghix hawn Malta ghal perjodu li jeccedi s-sitt xhur.

Illi skond il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni stess, l-unika haga li jrid ikun hemm ghal barrani sabiex jottjeni karta tal-identita Maltija bl-ittra ‘A’, huwa li jkollu visa u jirrisjedi Malta ghal perjodu ta’ sitt xhur.

Issa mill-provi prodotti, li ma humiex kontestati, jirrizulta li l-imputat ilha hawn Malta ghal perjodu li jeccedi s-sitt xhur, ghaliex fil-fatt ilha hawn Malta legittimament sa mis-sena 2000.  Ghalhekk zgur li f’dawn ic-cirkostanzi, hija kienet intitolata ghal karta tal-identita Maltija w ghalhekk, irrispettivament ghal dak li setgha kien hemm fil-formola dwar l-istatus taghha, dak l-fatt ma jkollux effett jew import fuq il-hrug tal-karta tal-identita w ghalhekk, din l-ewwel akkuza zgur li ma tirrizultax ghas-sodisfazzjon tal-Qorti.

In oltre, l-imputata giet akkuzata wkoll li sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju, f’xi dokument mahsub ghal Awtorita Pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tat taghrif falz.

Issa, fir-rigward din l-akkuza, ma jirrizultax li hija mliet xi dikjarazzjoni jew tat xi taghrif falz ghaliex jirrizulta li hija ma tafx tikteb jew taqra bil-Malti u bl-Ingliz u dan il-fatt ma hux kontestat w ghalhekk zgur li ma setghetx kienet hi li mliet l-applikazzjoni li kienet necessarja ghal hrug tal-karta tal-identita Maltija.

Fil-fatt lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi taghrif falz imnizzel fl-applikazzjoni li a bazi tieghu hija ottjeniet xi vantagg jew a bazi tieghu hadet xi beneficcju.
Ghalhekk, **il-Qorti** wara li qisiet ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 6 tal-Kap 258 u l-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,

**tiddecidi billi tiddikjara li ma ssibx lil imputata HAFIFA MIMY hatja tal-akkuza kif dedotta kontra taghha u tilliberaha minnha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------